DIPARTIMENT GHALL-KURRIKULU,
TAGHLIM TUL IL-HAJJA U IMPJEGABILITÀ
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM,
LIFELONG LEARNING AND EMPLOYABILITY
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 13 ta' Marzu 2018

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 077/2018

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Żewġ korsijiet ta' aġġornament volontarju għall-għalliema

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar għal darb'oħra jistiednu lill-għalliema kollha li jgħallmu fl-iskejjel primarji u sekondarji (tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti) għal żewġ korsijiet ta' aġġornament fuq bażi volontarja bl-isem **L-Ortografija tal-Malti 1 u 2**.

**Il-kors tal-Ortografija 1** se jsir **kull nhar ta' Ħamis mit-3:30pm sal-5:30pm**, f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **12 ta' April** | **19 ta' April** | **26 ta' April** | **3 ta' Mejju** | **10 ta' Mejju** | **17 ta' Mejju** |

**Il-kors tal-Ortografija 2** se jsir **kull nhar ta' Tnejn mit-3:30pm sal-5:30pm** f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **9 ta' April** | **16 ta' April** | **23 ta' April** | **30 ta' April** | **7 ta' Mejju** | **14 ta' Mejju** |

Dawn iż-żewġ korsijiet se jsiru fil-**Kulleġġ Sant Injazju, Skola Medja, Tal-Ħandaq (Ħal Qormi)**. Għall-kors tal-Ortografija 2 jistgħu japplikaw biss dawk il-persuni li jkunu diġà għamlu l-ewwel kors.

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors biex iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom. L-għalliema li jixtiequ jattendu dawn il-korsijiet għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, liem kors se jattendu, u l-iskola fejn jgħallmu lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur Carlston Grima, fuq l-indirizz elettroniku carlston.grima@ilearn.edu.mt sa **nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2018.**

Il-korsijiet huma bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin għalliem/a li japplikaw għal kull kors. Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**